# Ismijiet ta' Toroq fil-Qrendi

kitba ta' Claudette Casha B.Ed. (Hons.)

Min jaf kemm-il darba ngħaddu mit-toroq tagħna mingħajr ma nagħtu kas l-isem li ġġib dik it-triq partikulari. Oħrajn forsi jieqfu u jistaqsu xi jfisser l-isem tat-triq jew min kien dak il-persunaġġ. Fil-Qrendi nsibu diversi toroq li jfakkruna fil-ġrajja tad-dehriet tal-Madonna ta' Lourdes: Triq Santa Bernardetta, Triq Soubirous, Triq il-Pirinej u Triq Massabielle.

Oħrajn huma ismijiet ta' persunaġġi li għexu fis-seklu 19 u fis-seklu 20 u li b'xi mod taw sehemhom fil-parroċċa tal-Qrendi jew fil-Każin tal-Banda "Lourdes". Fosthom għandna: Triq Dun Pietru Pawl Xuereb, Triq Karlu Darmanin, Triq Francesco Buhagiar, Triq Mikiel Ciantar, Triq Mons.Gużeppi de Piro, Triq Dr Ġużè Cassar u Triq Mro Nazzareno Mifsud.

F'dan l-artiklu se nagħtu ħarsa lejn dawn l-ismijiet b'xi tagħrif dwar il-post jew persunaġġ partikulari.

## Triq Santa Bernardetta u Triq Soubirous

Bernardette kienet tfajla umli. Hi twieldet f'familja fqira. Però, il-Madonna għażlet lil din it-tfajla sempliċi biex twassal dan il-messaġġ: "Jien l-Immakulata Kunċizzjoni." (Aktar tagħrif dwar **Bernardette u l-Familja Soubirous** jinsab f'artiklu ieħor f'paġna . . . miktub mill-istess kontributriċi).

## Triq Massabielle

L-isem ta' din it-triq ma jfisser xejn ħlief '**blata qadima**.' Fil-fatt Massabielle hija blata maħruġa 'l barra fil-grotta fejn dehret il-Madonna. Din il-massa ta' blat fiha tliet aperturi li jinfdu ma' xulxin. Il-grotta prinċipali hi fonda 8 metri, b'fetħa ta' 5 metri u għoli ta' 6 metri.



*ritratt tal-grotta llum*

F'dawk iż-żminijiet, din il-grotta kienet mimlija bil-ħaxix ħażin. L-art tal-grotta kienet miksija b'taħlita ta' ramel u frak tal-ġebel, zkuk tas-siġar, biċċiet ta' njam u għadam ta' l-annimali. Quddiem il-grotta kien hemm kanal li kien iservi biex jgħaddi l-iskart ta' l-imtieħen tal-viċinanzi.

Il-lum il-ġurnata, id-dehra ta' din il-grotta nbidlet għal kollox. Tnaddfet, tbaxxiet bi ftit metri u ġiet miksija bl-irħam fejn tpoġġa artal fin-nofs għaċ-ċelebrazzjonijiet tal-quddies u ċerimonji reliġjużi. Tpoġġiet ukoll statwa ta' l-irħam abjad fin-niċċa fejn dehret il-Madonna. Din saret mill-iskultur Fabich de Lyon, skond ix-xewqa li l-Madonna stess stqarret lil Bernardette.

Ta' kull sena, eluf ta' nies u morda minn madwar id-dinja kollha jżuru l-Grotta ta' Massabielle. Minn hawnhekk, Ommna Marija riedet twassal il-messaġġ biex mill-ġdid tirbaħ id-dinja għal fi ħdan l-Iben tagħHA Ġesù. Dawk kollha li jsejħu lilhom infushom bħala devoti tal-Madonna ta' Lourdes iridu jifhmu sew il-messaġġ tad-dehriet:

> **"Penitenza! Penitenza!**
> **Penitenza! Tliet darbiet**
> **Erġajt għedt sabiex il-maħfra,**
> **Aħna jkollna mis-smewwiet."**

(mill-Kurunella ta' Dun Pietru Pawl Xuereb)

## Triq il-Pirinej

Il-muntanji tal-Pirinej jiffurmaw fruntiera naturali bejn Franza u Spanja. Fit-tramuntana tal-muntanji, fin-naħa ta' Franza, wieħed isib art għammiela fil-waqt lejn in-nofs in-nhar tagħhom, fin-naħa ta' Spanja, wieħed isib irdumijiet fondi. Il-muntanji tal-Pirinej joffru diversi attrazzjonijiet turistiċi bħal ngħidu aħna għadd ta' sports sajfin u xitwin



*Il-Belt ta' Lourdes fejn fl-isfond jidhru l-muntanji tal-Pirinej.*

fost oħrajn. Ix-xitwa f'dawn il-muntanji taf tkun kiefra u qalila.

Dawn il-muntanji jinsabu biswit ir-raħal ċkejken ta' Lourdes fejn dehret il-Madonna. Il-lum il-ġurnata għadd ta' turisti minn madwar id-dinja kollha jżuru dawn il-muntanji biex "jgħixu" ġrajjet Bernardette.

## Triq Dun Pietru Pawl Xuereb

Dun Pietru Pawl Xuereb, imwieled l-Isla, ħa l-pussess ta' Kappillan fil-parroċċa tal-Qrendi fis-sena 1869. Dan il-Kappillan kien devot kbir lejn il-Madonna ta' Lourdes li kienet għadha kemm dehret biss ftit tas-snin qabel.



*Il-monument ta' l-Arċipriet Dun Pietru Pawl Xuereb li jinsab midfun fil-knisja tal-Mosta.*

Fl-1878, għoxrin sena wara d-dehriet tal-Madonna ta' Lourdes, il-Kappillan Dun Pietru Pawl Xuereb waqqaf il-Fratellanza tal-Madonna ta' Lourdes. Il-familja Xuereb u dan il-kappillan taw diversi opri kbar lill-Fratellanza. Fosthom insibu statwa artistika tal-Madonna ta' Lourdes maħduma mill-istatwarju Carlo Darmanin, inkwadru tal-Madonna ta' Lourdes u l-medalja tar-Rettur tal-Fratellanza. Insibu wkoll is-salib tal-fidda tal-proċessjoni, lasta tal-fidda ta' l-ewwel Standard, sètt karti Glorja tal-Fidda, 13-il gandlier u s-Salib ta' l-Artal Maġġur, sopraporta u purtiera tal-bieb il-kbir.

Il-Kappillan Xuereb kien spiċċa mill-parroċċa tal-Qrendi fis-sena 1882 u sar Arċipriet tal-Mosta u Kunsillier. Huwa miet fit-22 ta' Diċembru 1894.

## Triq Karlu Darmanin (1825-1909)

Triq oħra li nsibu fir-raħal tagħna hija dik ta' Carlo Darmanin, l-istatwarju li fl-1878 ħadem l-istatwa artistika tal-Madonna ta' Lourdes.

Carlo Darmanin u Vincenzo Cremona kienu fost l-aħjar statwarji Maltin tas-seklu 19 li ħadmu bil-materjal tal-kartapesta. Fil-fatt il-Madonna ta' Lourdes li nsibu fil-Qrendi tirrifletti bosta ħiliet artistiċi ta' l-istatwarju Carlo Darmanin. Fost dawn il-ħiliet insibu l-grazzja kbira fil-wiċċ, fl-espressjoni u fil-poża devota tal-figura tal-Madonna u d-drapp bil-piegi naturali. Ta' min jgħid li l-vara tal-Madonna ta' Lourdes għandha post importanti fil-qasam tal-wirt artistiku ta' gżiritna.

L-istatwarju Carlo Darmanin twieled l-Isla fit-30 ta' Awissu 1825 minn Giuseppe u Maria neè Cumbo. Carlo Darmanin kien bin is-sengħa u tgħallem l-arti tiegħu mingħand missieru stess, Maestro Giuseppe. Ħutu ħadu l-istess sengħa u kienu jgħinu lil ħuhom Carlo f'bosta xogħlijiet. Kiseb il-fama tiegħu permezz ta' bosta statwi sagri tal-purċissjonijiet li hu ħadem għall-knejjes ta' Malta u Għawdex, kif ukoll statwi li jżejnu t-triqat f'jiem ta' festi.

Carlo Darmanin kien iżżewweġ lil Annette Ready. Ftit wara ż-żwieġ tiegħu mar joqgħod il-Ħamrun. Hu miet il-Ħamrun, nhar is-26 ta' Novembru 1909. Però, il-fama li kiseb bix-xogħol artistiku tiegħu għadha ħajja fostna permezz tal-vara artistika tal-Madonna ta' Lourdes.

## Triq Francesco Buhagiar

L-Onorevoli Dr Francesco Buhagiar LL.D. huwa t-tielet President tas-Soċjetà Filarmonika "Lourdes." Huwa dam f'din il-kariga mill-1913 sa l-1922.



*Dr. Francesco Buhagiar*

Dr Buhagiar twieled u tgħammed il-Qrendi fis-sena 1877. Il-familja tiegħu għamlet żmien toqgħod fi Triq il-Kbira. Wara, il-familja Buhagiar marret toqgħod B'Kara u fiż-żmien tas-Sette Giugno, insibu li marret toqgħod il-Belt.

Dr Buhagiar laħaq avukat. Fil-politika kien ikkontesta l-ewwel Leġislatura fi ħdan il-Partit Nazzjonalista Panzavekkjan (U.P.M.). Kien bniedem tal-poplu u kien jaf xi jrid il-poplu. Dr Buhagiar sar Ministru tal-Ġustizzja u f'Ottubru 1923 laħaq Prim Ministru ta' Malta. Hu baqa' jokkupa din il-kariga sa l-1925, meta rreżenja u warrab mill-ħajja politika u sar Imħallef.

Dr Buhagiar miet fl-1934, fl-età ta' 57 sena.

## Triq Mikiel Ciantar

Isem is-Surmast Mikiel Ciantar jibqa' jidwi fir-raħal tal-Qrendi bħala l-ewwel surmast u fundatur tal-banda "Lourdes." Dam jokkupa din il-kariga mill-1942 sa l-1947. X'sehem ta s-Surmast Ciantar fil-perjodu li dam Surmast tal-banda ġewwa l-Qrendi?

Mro Mikiel Ciantar twieled is-Siġġiewi fl-1903, iben Carmelo Ciantar, mużiċista fl-istess raħal. Meta żżewweġ mar joqgħod Ħaż Żebbuġ. Mikiel Ciantar żera' ż-żerriegħa mużikali anke f'uliedu, fejn wieħed minnhom kien idoqq il-baxx u l-ieħor it-tromba. Lil dawn kien jeħodhom miegħu jdoqqu mal-banda "Lourdes." Bena l-karriera mużikali tiegħu mal-banda R.M.A. fejn kien idoqq il-klarinett u t-tanbur. Kien magħruf ħafna għall-katuba. Fil-fatt għal ħafna snin kien



*Mro. Mikiel Ciantar*

katubier mal-banda King's Own, La Valette u mal-banda R.M.A.

Mro Ciantar wera entużjażmu kbir lejn il-banda "Lourdes." Jidher ukoll li kellu devozzjoni speċjali lejn il-Madonna ta' Lourdes, tant li lill-bniet tiegħu semmiehom Maria Lourdes u Bernardette. Kien bniedem li ta sehem kbir lejn il-banda "Lourdes" fejn kien iqatta' ħinijiet twal jgħallem u jikkunċerta. Fil-fatt, Mro Ciantar, flimkien mad-Direttur tal-Każin Carmel Aquilina, irnexxielu li l-orkestra ta' dak iż-żmien ikabbarha f'banda billi għallem għadd kbir ta' alljievi ġodda li f'qasir żmien ħarġu jdoqqu ma' l-istess banda.

Fil-perjodu kemm dam Surmast tal-banda, huwa ta programmi kbar b'eżekuzzjoni perfetta. Ismu jibqa' minsuġ fil-qlub u fl-imħuħ ta' kull partitarju tal-banda "Lourdes" permezz ta' l-Innu tal-Banda "Lourdes", li hu kiteb fuq kliem tal-Poeta Nazzjonali Dun Karm Psaila.

Mikiel Ciantar ħalliena f'Lulju ta' l-1983 fl-età ta' 80 sena.

## Triq Ġużeppi de Piro

Monsinjur Ġużeppi de Piro huwa magħruf sewwa għall-qdusija li huwa wera mal-Qrendin fi ftit żmien li dam joqgħod il-Qrendi.

Ġużeppi de Piro kien bin familja nobbli. Twieled l-Imdina f'Novembru ta' l-1877, iben Alessandru dei Marchesi de Piro u Ursola Agius. Fi tfulitu, barra l-edukazzjoni primarja u sekondarja, tgħallem u avvanza fl-arti tal-pittura. Daħal l-Università ta' Malta u għal tliet snin kien fil-Fakultà ta' l-Arti u Xjenza. Bejn l-1897 u l-1898 għamel parti mill-kors tal-Liġi. Iżda de Piro kellu jaqta' mill-kors ta' l-istudju tiegħu bla mistenni. Minħabba mard, de Piro għamel żmien fl-Isvizzera għall-kura bejn l-1902 u l-1904. Kien f'dan iż-żmien, fejn niesu bi ħsieb ewlieni biex ikompli jieħu saħħtu sewwa, ġie joqgħod il-Qrendi.



*Mons. Ġużeppi de Piro*

L-esperjenza tiegħu fil-Qrendi swietlu ta' ġid kbir għalih innifsu. Kien iħossu grat lejn il-Qrendin għax minn għandhom tgħallem ħafna affarijiet li ma setax jitgħallimhom mill-iskola u mid-djar ta' l-għonja u n-nobbli. Għalhekk, bejn l-1904 u l-1907, bdew il-kuntatti diretti mal-poplu fejn naraw lil de Piro joħroġ mid-dar tiegħu tal-Qrendi, jitkellem man-nies, jismagħhom, jagħtihom xi parir u jitgħallem mill-esperjenzi tagħhom.

In-nies tal-Qrendi ħabbew lil de Piro għax għarfu l-qdusija ġenwina li kellu. Aktar milli bil-kliem hu kien juri qdusitu bl-opri ta' idejh. Ħafna bdew ifittxuh għall-qrar fejn kien iqatta' sigħat twal kuljum iqarar lin-nies, minkejja l-fatt li hu kellu bżonn il-mistrieħ.

Fil-Qrendi ħafna bdew jittamaw li Ġużeppi de Piro jibqa' qassis ta' din il-parroċċa. Għalhekk ħasbu biex lilu jdaħħluh b'mod dirett fil-ħajja tal-parroċċa u ppproponewlu biex joqgħod prokuratur tal-festa tal-Madonna taċ-Ċintura. De Piro ma kienx jaf jgħid "le" għalhekk narawh organizzatur ta' festa ġewwa l-Qrendi.

De Piro kellu jitlaq mill-Qrendi fis-sena 1907, fejn kien intgħażel bħala Direttur ta' l-Istitut ta' Fra Diegu ġewwa l-Ħamrun għall-iltiema bniet. Lill-Qrendin li wrewh id-dispjaċir tagħhom talli kien se jħallihom weġibhom hekk:

> "Dan hu sinjal li Alla jridni ma' l-iltiema,
> biex issa nagħmel il-ġid magħhom."

Ħidmietu biex jagħmel il-ġid qalb in-nies ma naqset qatt u wara narawh jagħti sehmu f'diversi istituzzjonijiet u karigi sakemm il-Mulej għoġbu jsejjaħlu għal ħdejH f'Settembru 1933.

## Triq Dr Ġużè Cassar

Ġużè Cassar, twieled il-Qrendi, fit-22 ta' Jannar 1918. Għalkemm il-familja ta' Ġużè kienet tiddependi, bħal ħafna familji oħrajn dak iż-żmien fuq il-biedja, Ġużè qatt ma kellu ħajra għall-biedja. Missier Ġużè kien iħajru biex jaqbad it-triq li twasslu għal avukat. Għalhekk Ġużè kompla bl-istudji tiegħu sakemm fl-1943 kiseb il-Lawrja ta' Avukat.

L-involviment ta' Dr Ġużè Cassar fil-festa ta' Lourdes beda minn età żgħira, billi ommu u missieru kienu devoti ħafna ta' din il-festa. Fl-1940 Cassar laħaq segretarju u sentejn wara (1942) laħaq President tal-Każin "Lourdes", liema kariga dam jokkupaha għal kważi 60 sena sħaħ. Bi ftehim ma' Carmelo Aquilina, Cassar ġab lis-Surmast Mikiel Ciantar, Żebbuġi biex jorganizza banda. Taħt it-tmexxija ta' Ciantar il-banda kibret u saret waħda mill-aħjar baned ta' Malta. Fuq inizjattiva ta' Dr Cassar, inkiteb l-Innu lill-Madonna ta' Lourdes. Cassar issuġġerixxa li l-



*Ġużè Cassar*

innu jinkludi n-noti ta' l-*Ave Maria* ta' Lourdes u li l-istrumenti tal-banda jinkludu l-qniepen. Din ix-xewqa saret realtà għax l-Innu nkiteb minn Dun Frans Camilleri f'Settembru 1947. Il-mużika kienet tas-Surmast Scicluna li tlestiet ukoll f'dak ix-xahar stess. L-innu jibda propju hekk:

**"Smajna l-qniepen b'leħenhom ferrieħa,**
**Isellmulek u jinsġu t-tifħir,**
**Xbejba Mbierka fost kollha magħżula,**
**Biex Omm Alla li ħalqek issir."**

Dan l-innu żżanżan fl-ewwel dehra tal-Madonna ta' Lourdes, fil-11 ta' Frar 1948. Ta' min ifakkar li dan l-innu kien fost l-ewwel mitt innu li Dun Frans ippublika fi ktieb fl-1948.

Dr Cassar kien minn ta' quddiem biex il-festa tal-Madonna ta' Lourdes terġa' ssir wara snin soppressa. Fl-1958, wara diversi laqgħat bejn l-Arċisqof Gonzi u l-President Cassar, ġie milħuq il-ftehim fejn il-fratellanza reġgħet ġiet stabbilità. Però, nistgħu ngħidu li kien ftehim tat-tielet klassi għax il-festa tal-Madonna ta' Lourdes ma setgħetx tiġi ċċelebrata bħall-festi sekondarji oħrajn. Dr Cassar aċċetta għax ried li l-Madonna ta' Lourdes terġa' tgħaddi mit-toroq tal-Qrendi.

Dr Cassar kompla jistinka biex il-festa ssir bħall-festi sekondarji oħrajn. L-Arċisqof Gonzi laqa' din it-talba fl-1962. B'hekk il-partitarji ta' Lourdes akkwistaw il-festa u l-fratellanza. "Rebħa" oħra għal Dr Cassar u s-Soċjetà "Lourdes" kienet meta fl-1975, ħareġ il-permess biex il-Qrendi seta' jintrema kollu bl-armar.

Dr Cassar baqa' President tas-Soċjetà sakemm miet f'Novembru 2001. Barra milli kien benefattur kbir tas-Soċjetà, hu baqa' jirsisti biex iġib 'il quddiem il-fratellanza, il-festa u l-Każin ta' Lourdes tal-Qrendi.

## Triq Mro Nazzareno Mifsud

Nazzareno Mifsud twieled iż-Żurrieq fil-15 ta' Awissu 1928 minn Giovanni u Ursola neè Polidano. Hu kien ir-raba' wild fost seba' aħwa.

Nazzareno attenda l-iskola primarja tal-Gvern ta' raħal twelidu u kompla bl-istudji tiegħu fil-Kulleġġ De La Salle. Hu beda jitgħallem il-mużika fil-Każin tal-Banda "Santa Katarina" għand is-Surmast Espedito Deguara A.(Mus.) L.C.M. u ħareġ idoqq il-klarinett ma' l-istess banda. Għal xi żmien hu kien il-klarinett solista. Bejn is-snin 1949 u 1952 ġie magħżul bħala Ass. Surmast.

Hu kompla jipperfezzjona l-istudji tal-klarinett għand is-Sur Manwel Debattista. Nazzareno ħa l-ewwel Diploma ta' A.Mus. L.C.M. fil-31 ta' Diċembru 1955. Hu kompla l-istudju fil-kontra punt u fuga għand is-Surmast Carmelo Pace L.R.S.M., F.L.C.M. fejn ħa d-Diplomi ta' L.(Mus.) L.C.M. fis-17 ta' Lulju 1965 u F.L.C.M. fl-4 ta' Awissu 1967.



*Mro. Nazzareno Mifsud*

Fl-1958 Mro Mifsud beda bħala Ass. Surmast tal-Banda "San Gejtanu" tal-Ħamrun. Fl-1973 inħatar Surmast Direttur ta' l-istess banda liema kariga baqa' jokkupaha sa l-1985.

Ir-rabta ta' Mro Mifsud mal-Qrendi bdiet meta f'Awissu 1964 Mro Carmelo Scicluna rriżenja minn Surmast Direttur tal-Banda "Lourdes" wara 17-il sena. Billi f'dak iż-żmien is-Surmast Mifsud kien Ass.Surmast ta' l-istess banda, il-Kumitat Eżekuttiv offra l-kariga ta' Surmast Direttur lil Mifsud. Din il-ħatra ġiet konfermata fis-Seduta li nżammet fil-21 ta' Awissu 1964.

L-ewwel dehra ta' Mro Mifsud fil-pubbliku mal-Banda "Lourdes" kien fil-21 ta' Settembru 1964 meta l-istess banda esegwiet marċ mat-toroq tar-raħal fil-Festi ta' l-Indipendenza. Fl-1968, fil-Qrendi, saru festi kbar biex jiġu mfakkra t-350 Anniversarju mit-twaqqif tal-parroċċa. Il-Banda "Lourdes" taħt it-tmexxija ta' Mro Mifsud, esegwiet Programm Vokali/Strumentali mill-aqwa. Dan il-programm ittella' fil-11 ta' Frar, 1968. F'dak il-jum indaqq għall-ewwel darba l-Innu tal-Qrendi, fuq kompożizzjoni ta' l-istess Mro Mifsud u versi tas-Sur Pawl Zammit. Dawn il-festi għalqu fit-18 ta' Frar 1968, meta ttellgħet Akkademja Mużiko-Letterarja, taħt il-presidenza ta' l-E.T. Mons. Emmanuel Gerada fis-sala ta' l-iskola. Hawn indaqqu tliet kanzunetti b'kompożizzjoni ta' Mro Mifsud. Dawn kienu 'Amore Mio', 'Questo Mio Cuor' u 'Se tu Vieni Con Me.'

Fl-1978, fil-Festi Ċentinarji tal-Fratellanza tal-Madonna ta' Lourdes, il-Banda "Lourdes" taħt Mro Mifsud, esegwiet Programm Vokali/Strumentali mill-aqwa. Fih ipparteċipaw is-Sopran Miriam Gauci u t-Tenur Joe Farrugia. F'din is-serata għall-ewwel darba ndaqqet Rondo Solo, għall-flawt u l-banda li Mro Mifsud ikkompona għal din l-okkażjoni speċjali. Is-solista tal-flawt kienet Laura Falzon, il-lum flawtista internazzjonali. Fost il-persuni distinti, attendew l-E.T. il-President ta' Malta Dr Anton Buttigieg u l-E.T. il-Mons. Arċisqof Ġużeppi Mercieca.

Għal ħames snin bejn l-1981 u l-1986 Mro Mifsud idderieġa l-Banda "Santa Venera" ta' l-istess lokal. L-istess Mifsud kien Surmast Direttur tal-Banda "Stella Maris" ta' Tas-Sliema mill-1984 sa l-1994.

Biss is-Surmast Mifsud baqa' dejjem marbut mal-Banda "Santa Katarina" fejn kien beda bħala Ass.Surmast. Fil-karigi li okkupa mad-diversi baned, insibu li Mro Mifsud ikkompona diversi marċi brijużi. Ta' min isemmi li l-istess Mifsud ikkompona l-Innu Marċ

tal-Banda Lourdes li għadu jindaqq sal-lum. Hu wkoll ikkompona l-Innu Uffiċjali tal-G.W.U. f'għeluq l-40 sena mit-twaqqif tagħha, fejn ġie mogħti wkoll Diploma.

Is-Surmast Mifsud miet nhar is-Sibt 28 ta' Frar 1998. Wara t-tebut tiegħu mxew il-familjari, ħbieb u rappreżentanti mill-Każini tal-Baned "Santa Katarina" taż-Żurrieq, "Lourdes" tal-Qrendi, "San Gejtanu" tal-Ħamrun, "Stella Maris" ta' Tas-Sliema u "Santa Venera" ta' Santa Venera.

**Biblografija**

Pubblikazzjoni *Festa Lourdes*, 1984, pġ 21, 35, 43 u 47
Pubblikazzjoni *Festa Lourdes*, 1985, pġ 59
Pubblikazzjoni *Festa Lourdes*, 1988, pġ 35 sa pġ 40
Pubblikazzjoni *Festa Lourdes*, 1989, pġ 63
Pubblikazzjoni *Festa Lourdes*, 1990, pġ 45, 47 u 48
Pubblikazzjoni *Festa Lourdes*, 1991, pġ 39, 41 u 43
Pubblikazzjoni *Festa Lourdes*, 1998, pġ 93 u 94
Pubblikazzjoni *Festa Lourdes*, 2001, pġ 145
Pubblikazzjoni *Festa Lourdes*, 2002, pġ 131 u 133.

Frida Transport Service

Valletta Office
64, Liesse Hill
Tel/Fax: 2123 0448
9949-7332 / 9949 5671 / 9949 0332

Dolceria Primavera

CATERERS FOR ALL OCCASIONS

School Street, Tarxien PLA 04
Tel: 2167 7098, 2182 6226 Fax: 2167 6891